*l-appellant la huwa ċittadin ta’ Stat Membru u lanqas ma jinsab leġittimament fit-territorju ta’ Stat li huwa marbut bi Ftehim dwar il-Fruntiera, u għalhekk jirriżulta li l-appellata għandha raġun tgħid li l-appellant m’għandu l-ebda jedd ta’ appell f’dawn iċ-ċirkostanzi*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-17 ta’ Jannar, 2024

Appell Inferjuri Numru 34/2023 LM

**Syed Hamza Zaidi (Passaport nru. JK5970971)**
*(‘l-appellant’)*

***vs.***

**L-Aġenzija Identity Malta**
*(‘l-appellata’)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Syed Hamza Zaidi (Passaport nru. JK5970971)**, hawnhekk ‘l-appellant’, minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa ’l quddiem ‘il-Bord’], tat-23 ta’ Marzu, 2023 [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’], li permezz tagħha l-Bord ċaħad

ir-rikors tal-appell imressaq quddiemu mir-rikorrent fir-rigward tad-deċiżjoni tal-intimata **l-Aġenzija Identity Malta**, hawnhekk 'l-appellata', datata 17 ta' Frar, 2022.

**Fatti**

2. Fis-7 ta' Ottubru, 2021, l-intimata ħarġet *Approval in Principle letter* fir-rigward tar-rikorrent, li huwa ċittadin Pakistani, li permezz tagħha dan seta' japplika għall-ħruġ ta' *visa* sabiex ikun jista' jidħol f'Malta u jsib impjieg. Fis-17 ta' Frar, 2022, ir-rikorrent ġie infurmat li l-applikazzjoni tiegħu ma kinitx ġiet milqugħa, u r-raġuni li ngħata kienet li ma ta l-ebda ġustifikazzjoni u raġuni għas-soġġorn tiegħu f'Malta, kif ukoll li kien hemm dubji raġonevoli dwar l-affidabilità, l-awtentiċità u l-veraċità tal-kontenut tad-dokumenti ppreżentati minnu. Ir-rikorrent ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni u ressaq appell minnha quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni.

3. Fir-rikors tal-appell tiegħu, ir-rikorrent qal li huwa ma jistax jifhem għal liema raġuni l-Uffiċċju Konsulari ta' Malta ġewwa Abu Dhabi wasal għall-konklużjoni li l-applikazzjoni tiegħu kienet mingħajr ġustifikazzjoni, u li ma ta l-ebda skop għas-soġġorn tiegħu f'Malta. Qal li huwa evidenti li huwa kellu jiġi Malta għal raġunijiet ta' xogħol, u kien għalhekk li nħarġitlu *Approval in Principle letter* sabiex ikun jista' jasal f'Malta u jibda l-impjieg tiegħu bħala *cab driver* mal-kumpannija Finest Human Capital Limited. Ir-rikorrent qal li mal-applikazzjoni tiegħu huwa nkluda wkoll kopja tal-kuntratt tal-impjieg bil-kundizzjonijiet tax-xogħol li kien ser iwettaq malli jasal f'Malta, kif ukoll ittra mingħand il-prinċipal prospettiv li kienet tgħid li kien meħtieġ li r-rikorrent jasal

f'Malta sabiex jibda l-impjieg tiegħu magħha. Ir-rikorrent qal li dawn id-dokumenti kellhom jippruvaw, lil hinn minn kull dubju, l-iskop u l-kundizzjonijiet tal-wasla tiegħu f'Malta. Mehmuż mal-applikazzjoni tiegħu kien hemm ukoll kopja tal-kuntratt ta' kera bid-dettalji dwar fejn kien ser jgħix ir-rikorrent malli jasal f'Malta, awtentikati min-nutar, u għalhekk ma kellu jkun hemm l-ebda diffikultà dwar l-awtentiċità tagħhom. Ir-rikorrent insista li ma kien hemm xejn li seta' jitqies irregolari bl-applikazzjoni tiegħu, partikolarment għaliex id-dokumenti li ppreżenta kienu kollha awtentikati min-nutar, u żied jgħid li flimkien mal-applikazzjoni tiegħu kien hemm diversi applikazzjonijiet ta' persuni oħra li lkoll kellhom il-ħsieb li jibdew jaħdmu mal-istess kumpannija f'Malta, u dawn l-applikazzjonijiet ġew ipproċessati u milqugħha kollha. Ir-rikorrent qal li fl-applikazzjoni tiegħu huwa aderixxa mar-rekwiżiti u mal-formalitajiet kollha meħtieġa. Qal li l-Uffiċċju Konsulari ta' Abu Dhabi bbaża r-rifjut tiegħu fuq asserzjonijiet skorretti.

4. L-intimata wieġbet li kienet it-Taqsima tal-Immigrazzjoni tal-Pulizija li ddeċidiet li r-raġunijiet mogħtija mir-rikorrent ma kinux ta' min joqgħod fuqhom, u fil-fatt għad hemm dubju dwar jekk id-dokumenti ppreżentati mir-rikorrent humiex awtentiċi jew le. Permezz tar-risposta tagħha, l-intimata talbet li d-deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni għall-*visa* tiġi kkonfermata.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-23 ta' Marzu, 2023, il-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrent, u dan għas-segwenti raġunijiet:

## *1. **Preliminary***

*The Board:*

*Preliminarily, noted that in virtue of Regulation 3(1)(a) of Subsidiary Legislation 595.07, Identity Malta Agency* "shall carry out functions and duties of the public administration" *in relation to* "visas, residence permits, work permits and other administrative matters related to expatriates";

*Noted therefore that in virtue of the aforesaid, appeals relating to visas ought to be directed against Identity Malta Agency;*

*Noted the decision issued on 17th February, 2022 in virtue of which the relative visa application was rejected for the following reasons:*

"There are reasonable doubts as to the reliability, as to the authenticity of the supporting documents submitted, or as to the veracity of their contents";

"Justification for the purpose and conditions of the intended stay was not provided."

*Noted the letter of appeal, dated 28th February, 2022;*

*Noted the appeal registered on 28th February, 2022; and*

*Noted the contents of this file.*

***Considerations***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principles which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***Edwin Zarb et vs. Gilbert Spiteri et*** *(decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Central Visa Unit (CVU) report, filed on 5th July, 2022, stated that a Pakistani national intended to travel to Malta between 24th February, 2022 and 25th May, 2022, in order to work as a Cab Driver with Finest Human Capital Limited. Whilst both Immigration Police and the Maltese Embassy remarked that the appellant's*

*justification for the purpose and conditions of his stay in Malta was unreliable/unprovided, the Maltese Consul stated that there are significant doubts regarding the authenticity of the appellant's documents.*

*Dr. Joseph Calleja, legal counsel to the appellant, lodged a letter of appeal on his behalf, stating that the appellant completely fails to understand how the Maltese Consular Office in Abu Dhabi arrived to the conclusion that the said visa application lacks the justification of the purpose of the intended stay for work purposes. Dr Calleja referred to all documents submitted as being duly authenticated by Notary Dr. Patrick Critien, and claimed that there is nothing suspicious or irregular with the visa application of his appellant, and that all his submissions go to show, beyond any reasonable doubt, the purpose and conditions of his intended stay in Malta. The appellant pointed out that concurrently with his visa application, there were several other applications submitted to the same office after being offered the same employment opportunity with the same company, which visa applications were all acceded to by the said Consular Office. Dr. Calleja reiterated that whilst the applicant adhered himself with all the necessary requirements and formalities in submitting his visa application, as may be easily observed from the documents submitted, it is also being submitted that the Maltese mission has based its refusal decision on manifestly incorrect assertions and evaluations and the decision is incorrect and unfounded both in fact and at law and ought to be completely quashed and disregarded, whilst this appeal ought to be accepted. Further to his letter of appeal, the appellant has filed the Mission's refusal decision document, the Board's registered receipt of his appeal, the Approval in Principle letter, a copy of the appellant's Pakistani passport details, request for working visa as well as prospective contract of employment issued by FHC Limited, a copy of the company director's Maltese residence card, copies of the appellant's travel insurance document, lease agreement as well as the lessor's Maltese residence card.*

*The Board noted the Approval in Principle letter issued by Identity Malta Agency on 7th October, 2022, bearing reference number **R95271388**, which has long expired and which neither the appellant nor the prospective employer bothered to update or renew ever since. Nor have they both pursued any further communication or interest in the visa application process since last year. The Board further observes that whilst the appellant has not presented his driving licence or any evidence of his previous work experience as a driver, not all documents have been certified as true copies and therefore the Board concurs with the Mission's concern regarding the authenticity of the appellant's submissions.*

***Decision***

*Therefore, due to the above reasons, the Board rejects this appeal."*

## L-Appell

6. L-appellant ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni u ippreżenta ir-rikors tal-appell tiegħu fis-27 ta' Marzu, 2023, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni tat-23 ta' Marzu, 2023, u tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet tal-appellant, u dan taħt kwalunkwe ordni jew provvediment li din il-Qorti jogħġobha tordna u timponi.

7. L-appellant isostni li l-konsiderazzjonijiet u r-raġunijiet mogħtija mill-Bord sabiex jiċħad l-appell tiegħu, huma kollha legalment insostenibbli u infondati. Qal li l-ewwel konsiderazzjoni tal-Bord kienet li minn meta ġie intavolat l-appell quddiemu, l-*Approval in Principle letter* laħqet skadiet, u din la ġiet imġedda mill-appellant u lanqas mill-prinċipal prospettiv tiegħu. L-appellant jikkontendi li din il-konsiderazzjoni hija kompletament żbaljata, barra minn lokha u legalment insostenibbli. Qal li bir-rikors tal-appell imressaq minnu quddiem il-Bord, huwa talab lill-Bord jissindaka u jirrevedi d-deċiżjoni tar-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu għall-*visa* li ttieħdet mill-Uffiċċju Konsulari Malti li jinsab Abu Dhabi fis-17 ta' Frar, 2022. Qal li l-kompitu tal-Bord huwa wieħed ta' reviżjoni, u għalhekk dan kellu jissindaka jekk id-deċiżjoni ta' rifjut kinitx fil-liġi jew le fl-istadju li fih tkun saret l-applikazzjoni. Kompla jgħid li kull konsiderazzjoni suċċessiva għal dan l-istadju, ma taqax fil-mansjoni tal-Bord, għaliex il-*punctum temporis* rilevanti għall-Bord huwa l-istadju li fih ġiet sottomessa l-applikazzjoni u xejn aktar. Qal li dak li kellu jivverifika u jaċċerta l-

Bord kien li l-*Approval in Principle Letter* kienet awtentika u valida fl-istadju li saret l-applikazzjoni għall-*visa,* u għalhekk din l-ittra ma kellhiex titqies bħala waħda li l-effetti tagħha skadew, għaliex id-deċiżjoni inizjali kienet għadha mhijiex finali. Qal li ladarba tali deċiżjoni dwar l-applikazzjoni inizjali tkun għadha *sub judice* u mhux finali, l-argument li l-*Approval in Principle letter* tkun skadiet, ikun trivjali u ma jreġix.

8. L-appellant qal ukoll li mill-aspett prattiku kien ferm diffiċli għalih li jissottometti dokumentazzjoni ulterjuri fi stadju meta provi u dokumentazzjoni ulterjuri ma setgħux jitressqu quddiem il-Bord. Qal li hekk kif huwa ntavola l-appell, il-Bord ta digriet fejn l-appellant kellu ħmistax-il jum minn dakinhar sabiex iressaq kull prova dokumentarja oħra.

9. L-appellant għamel riferiment għat-tieni konsiderazzjoni tal-Bord, fis-sens li matul is-sena li dam pendenti l-appell għal deċiżjoni mill-Bord, la l-appellant u lanqas l-*employer* prospettiv tiegħu m'għamlu komunikazzjoni jew urew xi forma ta' interess fil-proċess tal-applikazzjoni għal *visa.* L-appellant qal li huwa dejjem mexa ma' dak li tgħid il-liġi, u dejjem aġixxa f'waqtu, inkluż fl-istadju tal-appell. Qal li hekk kif huwa rċieva d-deċiżjoni ta' rifjut, huwa pproċeda u segwa *ad unguem* dak li tgħid il-liġi, u ntavola applikazzjoni bil-motivazzjonijiet kollha tiegħu quddiem il-Bord. Żied jgħid li huwa ma kien mistenni li jagħmel xejn aktar fil-mori tal-proċeduri tal-appell quddiem il-Bord. Qal ukoll li ma kien jagħmel l-ebda sens għalih li jipprova jikkomunika b'xi mod mal-Uffiċċju Konsulari ġewwa Abu Dhabi, għaliex id-deċiżjoni dwar ir-rifjut tal-*visa* tiegħu kienet diġà ttieħdet, u min-naħa tiegħu huwa beda l-proċedura tal-appell quddiem il-Bord.

10. L-appellant għamel riferiment għat-tielet konsiderazzjoni tal-Bord, li l-appellant naqas milli jippreżenta l-liċenzja tas-sewqan u prova tal-esperjenza tiegħu fix-xogħol ta' *cab driver*, filwaqt li sostna li uħud mid-dokumenti ppreżentati ma kinux awtentikati. L-appellant qal li l-kompitu tal-Bord huwa wieħed purament ta' reviżjoni tad-deċiżjoni tar-rifjut tal-*visa,* u f'din id-deċiżjoni tiegħu l-Uffiċċju Konsulari ma għamel ebda riferiment għan-nuqqas min-naħa tal-applikant li jressaq kopja tal-liċenzja tas-sewqan u evidenza dwar l-esperjenza tiegħu f'dan ix-xogħol. Qal li għalhekk ma jistax jifhem għal liema raġuni l-Bord qajjem din il-konsiderazzjoni, għaliex il-verifika tal-liċenzja tas-sewqan tal-applikant u l-esperjenza tiegħu fix-xogħol ma jaqgħux fil-mansjoni tal-Bord. L-appellant qal ukoll li l-verifiki dwar il-kwalifiki tiegħu saru fl-istadju tal-Permess Uniku fir-rigward ta' Residenza u Xogħol mill-appellata, u dan sar b'suċċess, tant hu hekk li ħarġitlu *Approval in Principle letter.* Qal li l-dawn il-verifiki ma jerġgħux isiru fl-istadju tal-applikazzjoni għall-ħruġ tal-*visas.* Qal li l-verifiki li kellhom isiru mill-Uffiċċju Konsulari Malti ta' Abu Dhabi kienu tal-awtentiċità tal-*Approval in Principle letter.* Qal li dubji dwar l-awtentiċità ta' din l-ittra qatt ma kien hemm, u semmai l-unika verifika li kellu jwettaq il-Bord kienet li jara jekk din l-ittra kinitx awtentika, u mhux li janalizza l-liċenzja tas-sewqan u l-esperjenza tax-xogħol tal-appellant, għaliex dan l-iskrutinju kien diġà sar u intemm b'suċċess.

11. L-appellant qal li anki l-konsiderazzjoni li għamel il-Bord dwar il-fatt li mhux id-dokumenti kollha kienu ċċertifikati bħala 'vera kopja', mhijiex legalment ammissibbli, u l-Uffiċċju Konsulari Malti imkien ma indika li l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata għaliex uħud mid-dokumenti ma kinux

awtentikati bħala ‘veri kopji’. Qal li huwa ma qagħadx jerġa’ jiċċertifika d-dokumentazzjoni sottomessa minnu mal-applikazzjoni tiegħu għal Permess Uniku, għaliex tali dokumentazzjoni ma tqisitx li kienet daqstant ta’ importanza f’dan l-istadju. Qal ukoll li huwa ħa ħsieb jiċċertifika bħala vera kopja d-dokumenti kollha pertinenti għall-ħruġ tal-*visa.* Żied jispjega fir-rigward tad-dokumenti li ma ġewx ittimbrati bħala ‘vera kopja’, li dawn kienu ġew sottomessi fil-forma oriġinali tagħhom quddiem l-Uffiċċju Konsulari Malti ta’ Abu Dhabi. L-appellant kompla jgħid li fl-aħħar mill-aħħar kienet l-appellata stess li ħadet ħsieb toħroġ il-Permess Uniku tiegħu, u żgur li din kellha d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa sabiex tivverifika dan fl-istadju tal-applikazzjoni. L-appellant qal li għalhekk Identity Malta kellha l-informazzjoni kollha li tkun diġà ġiet sottomessa lilha meta tkun ħarġet l-*Approval in Principle letter.* L-appellant qal li l-Bord naqas milli jispeċifika liema dokumentazzjoni ġiet meqjusa bħala awtentika u liema dubjuża. Żied jgħid li f’każ li l-Uffiċċju Konsulari ta’ Abu Dhabi kellu xi dubji dwar dokumenti partikolari li ġew ippreżentati, dan seta’ jitlob kjarifika ulterjuri lill-appellant, xi ħaġa li ma saritx. Qal li għalhekk ir-raġuni mogħtija mill-Bord li kien hemm xi dokumenti li ma kinux ċertifikati bħala ‘vera kopja’, lanqas m’hija ġustifikata legalment għaliex huwa qatt ma ngħata tagħrif dwar liema huma dawn id-dokumenti sabiex ikun jista’ jivverifika l-import tagħhom fuq l-applikazzjoni għall-*visa.* Qal ukoll li anki jekk kien hemm xi dokumenti li ma ġewx iċċertifikati bħala ‘vera kopja’, huwa qatt ma ngħata r-raġuni għalfejn tali dokumenti qanqlu xi suspett fihom infushom.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

12. L-appellata qalet li l-appell tal-appellant huwa null u inammissibbli għaliex *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, appelli minn deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni jistgħu jsiru biss fuq punti ta' dritt rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III. Qalet li l-appellant mhuwiex wieħed minn dawn il-persuni, għaliex la huwa ċittadin ta' Stat Membru u lanqas ma jinsab leġittimament fit-territorju ta' xi Stat li huwa marbut bi Ftehim dwar il-Fruntiera. Mingħajr preġudizzju għall-predett, l-appellata kompliet tgħid li minkejja li l-appellant jipprova jagħti xejra legali lill-aggravju tiegħu, fil-verità permezz tal-aggravju tiegħu dan qiegħed jistieden lill-Qorti terġa' tagħrbel il-mertu li ġie eżaminat mill-Bord sabiex tasal għal konklużjoni differenti dwar dak il-mertu, jiġifieri dwar jekk kienx hemm ġustifikazzjoni tajba għar-raġuni u l-kundizzjonijiet wara l-intendiment tal-wasla, u jekk id-dokumenti pprovduti humiex awtentiċi u affidabbli, u jekk hemmx dubju dwar il-veraċità tal-kontenut tagħhom. Qalet li dan huwa eżerċizzju li diġà sar mill-Bord. L-appellata saħqet li l-appellant huwa żbaljat meta jgħid li l-Bord ma kellux jieħu konsiderazzjoni tan-nuqqas ta' interess li wera meta ma ġeddidx l-*Approval in Principle* għall-permess uniku. Qalet li huwa minnu li dawn huma applikazzjonijiet separati, iżda l-Bord m'għandux jieħu deċiżjonijiet *in vacuo,* u għandu jqis jekk l-appell ta' quddiemu jifdallux utilità jew inkella jkunx qiegħed jintalab biss iwettaq eżerċizzju akkademiku. Qalet li l-konsiderazzjoni li għamel il-Bord kienet li kellu jsir eżami dwar jekk il-*Visa Unit* kellux raġun jgħid li hemm dubji dwar l-affidabilità u l-veraċità tad-dokumenti, inkluż ġustifikazzjoni għar-raġuni wara l-intendiment

tal-wasla tal-applikant f'Malta, u għalhekk in-nuqqas ta' interess li wieħed iġedded l-applikazzjoni kienet rilevanti għall-aħħar. Qalet ukoll li minkejja li l-Bord kien korrett meta għamel din l-osservazzjoni, dan ma jfissirx li l-*Approval in Principle* u l-ħruġ tal-*visa* huma l-istess ħaġa, għaliex huma żewġ oġġetti separati. Qalet ukoll li l-appellant lanqas m'għandu raġun meta jgħid li l-*Approval in Principle* kien sospiż sakemm jiġi deċiż l-appell dwar il-ħruġ *o meno* tal-*visa,* u dan għaliex kieku kien hemm appell dwar l-*Approval in Principle,* dan kien ikun separat u distint.

13. L-appellata qalet li lanqas ma kien impossibbli għall-appellant li jippreżenta dokumentazzjoni ulterjuri quddiem il-Bord fil-ħmistax-il jum mogħtija għal dan il-għan, għaliex il-Bord jirregola l-proċedura tiegħu stess u b'hekk l-appellant ma kellu l-ebda ostakolu fil-liġi sabiex jitlob permess biex jintavola provi ulterjuri, speċjalment jekk dawn irriżultaw wara li kienet inbdiet il-kawża. B'riferiment għad-dubju dwar l-awtentiċità tad-dokumenti, l-appellata qalet li l-Bord kellu jqis in-nuqqas tal-appellant li jippreżenta vera kopja tagħhom, kif ukoll li d-dokumenti ppreżentati ma kinux awtentikati kif meħtieġ. Qalet li r-rifjut tal-*visa* sar abbażi tal-mertu tal-applikazzjoni u mhux fuq bażi legali, u għalhekk dan l-eżami fil-mertu m'għandux jerġa' jsir minn din il-Qorti. L-appellata qalet li t-talbiet tal-appellant kif dedotti, lanqas ma jistgħu jintlaqgħu, u dan għaliex f'każ li l-ilment tiegħu għandu mis-sewwa, din il-Qorti għandha tibgħat l-atti lura quddiem il-Bord.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

14. Il-Qorti sejra fl-ewwel lok tindirizza l-eċċezzjoni sollevata mill-appellata, jiġifieri li l-appell odjern huwa inammissibbli minħabba f'dak li jipprovdi l-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu tal-liġi jgħid li d-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom ikunu finali, ħlief għar-rigward ta' punti ta' dritt deċiżi mill-Bord rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III, li minnhom jista' jsir appell quddiem din il-Qorti fi żmien għaxart ijiem mid-deċiżjoni tal-Bord. Fil-każ odjern jirriżulta li l-appellant la huwa ċittadin ta' Stat Membru u lanqas ma jinsab leġittimament fit-territorju ta' Stat li huwa marbut bi Ftehim dwar il-Fruntiera, u għalhekk jirriżulta li l-appellata għandha raġun tgħid li l-appellant m'għandu l-ebda jedd ta' appell f'dawn iċ-ċirkostanzi. Id-dispożizzjonijiet tal-liġi huma ċari, u appell li jrid ikun fuq punt ta' dritt, huwa permess biss f'dawk iċ-ċirkostanzi li jolqtu persuni li jaqgħu taħt il-kategorija ta' persuni msemmija taħt l-artikolu 4A tal-Parti III tal-Kap. 217. Ladarba l-appellant ma jaqax taħt xi waħda minn dawn il-kategoriji, għandu jirriżulta li l-appell odjern ma jistax isir.

15. Fil-każ odjern jirriżulta li l-appellant qatt ma wasal Malta għaliex l-applikazzjoni għall-*visa* tiegħu ġiet riġettata, minkejja li l-appellata kienet ħarġet l-*Approval in Principle letter.* Ladarba l-Bord iddeċieda li għandu jiċħad l-appell tal-appellant dwar ir-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu sabiex jingħata *visa,* u ladarba l-appellant ma jissodisfax ir-rekwiżiti stipulati fil-liġi sabiex ikun jista' jressaq appell quddiem din il-Qorti, din il-Qorti ma tista' tagħmel xejn aktar għajr li tiddikjara li dan l-appell huwa inammissibbli.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddikjara dan l-appell huwa irritu u null, u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern, u dawk tal-proċeduri quddiem il-Bord, għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**